Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,696, 27 ta' Ottubru, 1998
Taqsima B

A.L. 236 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - in European Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - in European Studies u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - in European Studies li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1997 jew wara.

Emenda għall-paragrafu (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Biex itemm l-Ewwel Parti student għandu jikseb:

(a) 12-il kredtu fl-Istorja taċ-Ċivilta' Mediterranja li jinkludu t-8 kredti li huma obbligatorji skond ir-Regolamenti tal-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Arts;

(b) mhux anqas minn 14-il kredtu fl-Istudji Ewropej;

(ċ) jew 12-il kredtu f'qasam ewlieni ta' studju ieħor jew 6 kredti f'kull wieħed minn żewġ oqsma sekondarji ta' studju; u

(d) mill-anqas 8 kredti oħra mill-oqsma ta' studju approvati, li jinkludu l-oqsma ta' studju magħżula diġa'."